MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2007

Numru. 852/2003

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Jonathan Grech

Il-Qorti,

Rat li l-imputat, Jonathan Grech ta' 22 sena, iben George u Susan nee Howlett, imwieled Victoria Ghawdex fit-30 ta' Lulju, 1981 u li joqghod St Mary Flats, Nru. 3 Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar, detentur ta' karta ta' l-identita Nru. 22481G gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-7 ta' Ottubru 2003, ghall-habta tat-8.00p.m., gewwa Triq Vincenzo Ciappara, Mellieha, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe'

karozza tal-marka Rover, numru tar-registrazzjoni JEF216, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin u li saret ghad-dannu ta' Jeffrey Gauci (Art 325(1)(v) tal-Kap. 9);

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Jeffrey Gauci billi tapplika l-provvedimenti tal-Artiklu 383 tal-Kap. 9;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti nkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Ottubru, 2003 (a folio 6 tal-process) sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2003, l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u t-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirigwarda hsara volontarja allegatament kagunata fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JEF 216 fis-7 ta' Ottubru 2003 ghal habta tat-8.00pm waqt li din il-vettura, liema vettura hija propjeta' ta' Jeffrey Gauci, kienet parkeggjata fi Triq Viincenzo Ciappara gewwa l-Mellieha. Jeffrey Gauci li xehed waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru, 2003, qal li fl-imsemija data meta spicca mit-*training*, u dan kien bejn it-8.00pm u t-8.15pm, huwa hareg mill-ground tal-Mellieha u ra vetura tal-marka Nissan u ta kulur kannella li waqfet hdejn il-vettura tieghu u ghamlet xi erba' sekondi magenb din il-vettura. Huwa jghid li ra persuna tohrog idejha min-naha tax-xufier ta' din in-Nissan u mbaghad din il-vetura telqet minn fejn kienet waqfet. Jeffrey Gauci jispjega li malli din il-vetura resqet aktar vicin tieghu huwa ra lill-imputat gewwa l-imsemmija vettura. Huwa jghid ukoll li kien gharaf lill-imputat ghalex dan qabel kien habib tieghu. Gauci jkompli jispjega li malli huwa resaq lejn il-vettura tieghu induna li kien gie mixhut

*paint remover* mal-gemb tal-vettura tieghu, precizament man-naha tax-xufier, u ghalhekk huwa mar jahgmel rapport lill-Pulizija.

Mil-provi rrizulta li meta Jeffrey Gauci kien mar jaghmel ir-rapport inizjalment huwa kien indika li ra lill-imputat jaghmel dan kolu ghalll-habta tas-6.45p.m. - 7.00pm. Mir-rapport esebit a folio 34 et sequitur tal-process jirrizulta li l-ghada Gauci kien rega' mar l-Ghassa tal-Mellieha u biddel il-hin fis-sens li indika li kollox kien gara bejn it-8.00pm u t-8.15pm.

L-imputat li rrilaxxja zewg stqarrijiet lil Pulizija (esebiti a fol. 17 u 18 tal-process) u li xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2007 dejjem cahad li huwa qatt kien il-Mellieha fil-hin indikat minn Jeffrey Gauci jew li huwa kien tefa' xi *paint remover* fuq il-vettura tal-istess Gauci. Mix-xhieda ta Chris Coleiro, li huwa l-rpropjetrarju tal-vettura tal-marka Nissan ta' kulur kannella, xehed fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2003 qal li huwa kien ta l-vettura in kwistjoni lill-imputat ghalll-habta ta-7.30pm. L-imputat jispjega li huwa kien mar id-dar jinhasel u jbiddel ghal habta tas-7.30pm u  fis-7.55pm kien rega' mar ghal Coleiro u fit-8.00p.m. huma kienu ltaqghu mal-hbieb taghhom hdejn il-pompa tal-petrol ta' San Pawl il-Bahar sabiex imbaghad imorrru l-Imgarr jieklu l-fniek peress li kien il-*birthday* ta' habib taghhom.

Il-Qorti fliet bir-reqqa il-provi prodotti kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza u jidrilha li filwaqt li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li fil-hin tal-allegat incident huwa ma kienx il-Mellieha, il-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma tista' tinghad li rnexxielha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni kif hija tenuta li taghmel.  Il-Qorti jidrilha li x-xhieda ta' Jeffrey Gauci m'hijex kredibbli u li l-iskuza minnu moghtija il-ghala huwa biddel il-verzjoni tieghu rigwardanti l-hin m'hijex accettabbli. Huwa pjuttost inverosimili kif huwa seta' jitfixkel fil-hin li huwa spicca mit-*training*, f'liema hin huwa jallega li ra lill-imputat jitfa' il-*paint remover* fuq il-vettura tieghu, meta irrizulta li huwa fil-fatt kien dejjem jispicca t-*training* fl-istess hin.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------